MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Numru 465/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Edmond Cuschieri)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Mario Farrugia**, ta' tlieta u erbghin (43) sena, bin Carmelo Farrugia u Josephine neé Mifsud, imwieled nhar it-3 ta' Lulju 1970 gewwa tas-Sliema,

detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 291170(M) u residenti Blue Lans, Flat 3, Triq il-Habbiez, Qormi, akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn l-10 ta' April 2014 u l-11 ta' April 2014 minn gewwa blokka appartamenti minghajr isem u li ghadha qed tinbena li tinsab fi Triq il-Kbira, Mosta kantuniera ma' Triq il-15 ta' Awwisu, Mosta ikkommetta serq ta' *wires* tal-elettriku, *cooker points*, *flex outlets*, *power sockets* u *lightning points* liema serq hu aggravat bil-hin, mezz u valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) liema serq sar ghad dannu ta' Christopher Grech, Noel Vella u/jew persuna/i ohra;

2. fil-lejl ta bejn id- 29 ta' April 2014 u t-30 ta' April 2014 minn gewwa blokka appartamenti minghajr isem u li ghadha qed tinbena li tinsab fi Triq il-Kahwiela Mosta ikkommetta serq ta' *wires* tal-eletriku, liema serq hu aggravat bil-hin, mezz u valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) liema serq sar ghad dannu ta' Emmanuel Mifsud u/jew persuna/i ohra;

3. fil-lejl ta bejn l-1 ta' Mejju 2014 u t-2 ta' Mejju 2014 minn gewwa blokka appartamenti minghajr isem u li ghadha qed tinbena li tinsab fi Triq il-Kahwiela Mosta ikkommetta serq ta' *wires* tal-eletriku, liema serq hu aggravat bil-hin, mezz u valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) liema serq sar ghad dannu ta' Emmanuel Mifsud u/jew persuna/i ohra;

4. fl-istess dati, lokijiet, ħinijiet u ċirkostanzi naqas li josserva il-kundizjonijiet tal-liberta proviżorja li ngħataw lilu nhar id-29 ta' Lulju 2013 mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Żammit LL.D..

F' każ ta' ħtija, il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li llum saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan *ai termini* tal-Artikoli 49 , 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tieghu ((Dok. "CC 2"), l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat Artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263(a), 267, 270 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mario Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tletin (30) xahar prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------